# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-9 ta' Frar, 2017.**

**Fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni**
**Rikors Numru 57/17 fl-ismijiet:**

**Amabile Vassallo ID 0377149 M**
**u martu Carmen Vassallo ID 0441045 M**

**vs.**

**Kimberly Bugeja ID 543092 M**
**Perit Ivan Bondin**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat is-16 ta' Jannar, 2017; (ara foll 1*et sequitur*);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 7), li permezz tieghu:

2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

2.2. Akkoljiet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.3. Appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

2.4. Ordnat li l-intimati jistghu jirrispondu skont il-ligi;

3. Rat ir-risposta tal-intimat Perit Ivan Bondin datata l-25 ta' Jannar, 2017, (ara foll 9);

4. Rat ir-risposta tal-intimata Kimberly Bugeja datata t-30 ta' Jannar, 2017, (ara foll 16);

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-1 ta' Frar, 2017, li permezz tieghu talbu differiment qasir biex il-partijiet jippruvaw jasslu ghall-ftehim, (ara foll 21);

6. Rat ir-rapport tal-intimat Bugeja datat is-7 ta' Frar, 2017, li permezz tieghu ipprezentat rapport imhejji mill-perit intimat Bondin datat it-2 ta' Frar, 2017, (ara foll 22 u 23 rispettivament);

7. Rat il-verbal kongunt tal-abbli rapprezentanti legali fuq riferiti flimkien mall-partijiet kollha datat it-8 ta' Frar, 2017, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti bis-segwenti, (ara foll 35):

> "... illi qed jaqblu li x-xoghol mertu tal-procedura odjerna jsir kif indikat fin-nota tal-intimata Bugeja paragrafu 9 b,c, u d", (ara foll 29 u 30); u
>
> "L-intimati jintrabtu wkoll illi x-xogholijiet in dizamina jkunu konkluzi sas-7 t'April, 2017, kif indikat fil-paragrafu 9b tan-nota msemmija," (ara foll 30);

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tal-ftehim fuq riferit, (ara paragrafu numru seba', (7.), aktar qabel), u a skans ta' ripetizzjoni zejda u dilungar inutili, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

8.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimati;

8.3. Tvarja *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat is-16 ta' Jannar, 2017, b'mod issa li jkun biss permess isir x-xoghol indikat fil-paragrafu 9 b, c, u d, tar-relazzjoni *ex parte*, ipprezentata *in atti* (ara foll 29 u 30), u dan bil-kondizzjoni espressa li l-istess xogholijiet ikunu terminati sas-7 t'April, 2017, kif pattwit mill-partijiet, (ara paragrafu numru seba' (7), aktar qabel u foll 29 u 30);

8.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati fuq indikati.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**